**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 665/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Aron Ralf Winfried Winter**

**Illum 26 ta' Awwissu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Aron Ralf Winfried Winter** ta' tnejn u għoxrin (22) sena, bin Ralf Winter u Ilona Winter neè Dörr, imwieled ġewwa Saarlouis, il-Ġermanja, nhar it-23 ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), residenti ġewwa 66740, Saarlouis, Haupstrasse, 165A, il-Ġermanja, u detentur tal-Karta ta' l-Identità Ġermaniża bin-Numru L35Y5JX5Z, talli nhar il-25 ta' Awwissu 2024, għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa u nofs ta' filgħodu (4:30hrs) u l-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs), ġewwa Casino Malta, Triq Santu Wistin, San Ġiljan, Malta, u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' kartiera kontenenti flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), iżda ma jeċċedix l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, għad-dannu ta' Andrea Nicola Petri u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-Liġi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 15A, 532B u/jew 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali maħruġ ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, markat Dok. "X";

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "E";

Semgħet lill-imputat jiddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja kif ukoll jiddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti fehmitu bi kliem sempliċi l-implikazzjonijiet legali ta' tali amissjoni u tatu biżżejjed żmien sabiex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Rat illi l-imputat ħallas lura lil Andrea Nicola Petri s-somma ta' €750 minnu lilu misruqa;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar il-25 ta' Awwissu 2024, għall-ħabta ta' bejn l-4:30hrs u l-05:00hrs, ġewwa Casino Malta, Triq Santu Wistin, San Ġiljan, Malta, u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer: (1) Ikkommetta serq ta' kartiera kontenenti flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda ma jeċċedix €2,329.37, u bil-ħin, għad-dannu ta' Andrea Nicola Petri u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra.

Huwa wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni hekk dedotta kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet il-konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta, li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u li ħallas lura lil Andrea Nicola Petri s-somma flus minnu lilu misruq.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 20, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1)tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sittax-il (16) xahar priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta, irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u ħallas lura lil Andrea Nicola Petri s-somma flus minnu lilu misruqa, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sittax-il (16) xahar priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' tlett (3) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Peress illi l-imputat già ħallas lil Andrea Nicola Petri s-somma flus minnu lilu misruqa, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini

ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress illi wkoll f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront ta' l-imputat.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**